



LIBE_PV(2012)1105_1

MINUTI

Dati tal-laqgħa: 5 ta' Novembru 2012, 15:00 – 18:30,
u 6 ta' Novembru 2012, 9:00 – 12:30 u 15:00 – 18:30

BRUSSELL

Il-laqgħa nfetħet nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2012 fit-15:13, bi Juan Fernando López Aguilar (President) jippresiedi.

1. Adozzjoni tal-aġenda

LIBE_OJ 498.032v01-00

L-aġenda ġiet adottata bil-bidliet li ġejjin:

- Punt 4 dwar il-protezzjoni internazzjonali (Rapporteur Sylvie Guillaume) ġie pospost għal-laqgħa tal-LIBE li jmiss;
- votazzjoni fuq abbozz ta' ittra ta' opinjoni mill-President tal-Kumitat ECON se tiġi miżjuda fl-abbozz ta' aġenda bħala punt 16b għal raġuni ta' urġenza: Proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

2. Avviżi tal-President

- Nils Torvalds inħatar Rapporteur għal żewġ rapporti:

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u

Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond tal-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

- Juan Fernando López Aguilar inħatar Rapporteur għar-rapport ta' inizjattiva proprja dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma;

- Georgios Papanikolaou inħatar rapporteur għal opinjoni tal-kwittanza għas-sena finanzjarja 2011.

3. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat:

27-28 ta' Frar 2012
20 ta' Ottubru 2011

PE 483.699v01-00
PE 478.543v01-00

Il-minuti ġew approvati.

4. Standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-ġħoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid)

LIBE/7/06227

***I 2009/0165(COD) COM(2011)0319 – C7-0151/2011

Rapporteur: Sylvie Guillaume (S&D)

AM – PE489.395v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoniġiet: JURI

- Preżentazzjoni tal-qagħda attwali tan-negożjati tat-trilogu

Dan il-punt ġie pospost għal-laqgħa li jmiss tal-LIBE.

5. L-integrazzjoni tal-migranti, l-effetti tagħha fuq is-suq tax-xogħol u d-dimensjoni esterna tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali

LIBE/7/09936

2012/2131(INI) COM(2012)0153

Rapporteur Philip Claeys (NI)

PA – PE497.913v01-00

għal opinjoni:

Responsabbli EMPL* – Nadja Hirsch (ALDE)

PR – PE496.428v01-00

:

- Eżami tal-abbozz ta' opinjoni
- Deċiżjoni dwar l-iskadenza għat-tressiq tal-emendi
- Skadenza għat-tressiq tal-emendi: **23 ta' Novembru 2012, f'12:00**

Philip Claeys (NI) ippreżenta l-abbozz ta' opinjoni tiegħu u spjega li dan kien ibbażat fuq kunċetti bħal kapaċità ta' assorbiment, kwalifiki tan-nies il-ġodda u d-diffikultajiet tagħhom li jsibu xogħol. Hu mnota wkoll il-bżonn li jkun hemm distinzjoni bejn immigrazzjoni legali u dik illegali.

Diane Schmitt (Kummissjoni, DĠ Affarijiet Interni) laqgħet l-opinjoniġiet tal-Membri. Hi semmiet il-ħidma tal-Kummissjoni fil-qafas tal-attribuzzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam u enfasizzat ukoll li skont it-Trattati, l-Istati Membri jżommu l-kompetenzi li jiddeċiedu dwar il-kwantità u l-modalitajiet tal-adeżjoni għas-suq tax-xogħol. Fl-aħħar nett, issemmew kwistjonijiet bħall-eżodu tal-imħuħ u l-proċess ta' integrazzjoni bħala proċess bi-direzzjonali.

Andrew Henry William Brons enfasizza l-bżonn li jiġu kkonċentrati aħjar ir-riżorsi billi jingħata taħriġ liċ-ċittadini tal-UE u mhux lill-migranti. Hu semma wkoll l-użu ħażin tal-aċċess għat-territorju tal-UE li jingħata lill-istudenti minn pajjiżi terzi li ħafna drabi jirriżulta f'"laissez passer" ħieles.

Birgit Sippel għamlet żewġ osservazzjonijiet: a) l-esklużjoni u l-iżvilupp tal-ghettos mhumiex pożittivi u, għalhekk, iktar riżorsi għandhom ikunu disponibbli kontra dawn u b) l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għandha tiġi mrawma permezz tal-konċiljazzjoni.

Hélène Flautre esprimiet il-fehma opposta tagħha dwar l-abbozz ta' opinjoni u tenfasizza li l-fehma tagħha tinkludi l-clichés kollha negattivi dwar il-migrazzjoni. Hi nnotat ukoll li ħafna drabi, dawk li jimmigraw huma l-iktar preparati u mhux l-ifqar. Hi enfasizzat li mhux sew li jiġu ripetuti dawn it-tip ta' clichés relatati mal-fenomeni tal-migrazzjoni.

Auke Zijlstra appoġġa l-abbozz tar-rapport u qabel fuq il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-kapaċità ta' assorbiment.

Krisztina Morvai talbet għal iktar kjarifika dwar it-terminu "migrazzjoni ekonomika". Hi semmiet ukoll is-sitwazzjoni attwali taċ-ċittadini inferjuri fl-Unjoni.

Jean Lambert enfasizzat li dawn huma iktar kwistjonijiet ta' integrazzjoni milli strettament ta' migrazzjoni legali u l-ħtieġa li l-Kumitat EMPL jikkunsidra l-fehmiet tal-LIBE. Hi semmiet ukoll kwistjonijiet ngħidu aħna bħall-eżodu tal-imħuħ u l-istudju mwettaq mid-Dipartiment tal-Politika dwar l-integrazzjoni tal-migranti. Hi ħabbret li l-grupp tagħha se jressaq ħafna emendi.

Imbagħad Philip Claeys tkellem biex jagħmel ir-rimarki tal-għeluq u qal li l-abbozz ta' opinjoni tiegħu ma kienx ibbażat fuq stereotipi iżda għall-kuntrarju jipprova jikkunsidra aspetti li normalment mhumiex ittrattati, bħal ngħidu aħna l-kapaċità ta' assorbiment u n-nefqa tal-politiki ta' immigrazzjoni. Ir-rapporteur għamel referenza għall-istudju msemmi fl-abbozz ta' opinjoni tiegħu. Hu kkonkluda billi esprima l-fehma tiegħu dwar il-ħtieġa li jiġu msaħħa l-politiki restrittivi.

Dibattitu konġunt

6. Żieda fir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati, il-Fond Ewropew għar-Ritorn u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet marbutin mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

LIBE/7/10701

***I 2012/0252(COD) COM(2012)0526 – C7-0302/2012

Rapporteur: Nils Torvalds (ALDE)

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: AFET, DEVE, BUDG, EMPL, CULT

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

7. Żieda fir-rata ta' kofinanzjament tal-Fond tal-Fruntieri Esterni għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom

LIBE/7/10707

***I 2012/0253(COD) COM(2012)0527 – C7-0301/2012

Rapporteur: Nils Torvalds (ALDE)

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: AFET, DEVE, BUDG

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Is-Sur Savary (DG Affarijiet Interni) ippreżenta żewġ proposti tal-Kummissjoni mmirati biex iżidu r-rata ta' kofinanzjament għal dawk l-Istati Membri f'diffikultà finanzjarja fil-Fondi SOLID. Hu spjega li bħalissa r-rata normali hija ta' 50 %; u 75 % għal azzjonijiet speċifiċi u Stati Membri koperti mill-Fond ta' Koeżjoni. Bil-proposta tal-Kummissjoni, din ir-rata tiżdied b'20 punt.

Il-Presidenza Ċiprijotta indikat li l-proposti kienu aċċettabbli għall-Kunsill u insistiet li kien importanti li jiġu adottati sa Marzu 2013.

Ir-rapporteur Nils Torvalds indika li hu jappoġġa l-proposti tal-Kummissjoni u li se jipproponi skeda kompatibbli mal-pressjoni tal-ħin.

Kyriacos Triantaphyllides wera tħassib dwar jekk l-ammont tal-Fondi humiex se jiżdiedu. Andrew Henry William Brons staqsa kif jintefaq il-Fond għar-Ritorn. Jan Mulder enfasizza li fil-każ li l-Istati Membri ma jstgħux iħallsu, huwa favur intervent mill-Unjoni, iżda li m'għandu jingħata l-ebda inċentiv lill-Istati Membri li ma jikkofinanzjawx azzjonijiet.

- L-abbozz ta' rapporti se jiġi preżentat fil-laqgħa li jmiss tal-LIBE fis-26 ta' Novembru 2012;
- L-iskadenza għall-emendi: 29 ta' Novembru 2012;
- Il-votazzjoni fil-kumitat se ssir mis-17 sat-18 ta' Diċembru 2012 u l-votazzjoni fil-plenarja se ssir fil-bidu tas-sena d-dieħla

8. Is-sitwazzjoni tal-Minorenni mhux Akkumpanjati fl-UE

LIBE/7/10978

2012/2263(INI) COM(2012)0554

Rapporteur: Nathalie Griesbeck (ALDE)

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: AFET, DEVE, EMPL, CULT, JURI, FEMM

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-term dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati
- Preżentazzjoni mill-Uffiċċju tal-UNHCR tal-istudju tagħhom dwar l-Implimentazzjoni Ġudizzjarja tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-

Tfal

Nathalie Griesbeck innotat li l-kundizzjoni tat-tfal għandha tingħata prijorità assoluta. Hi semmiet ukoll guriprudenza u kwistjonijiet differenti bħal ngħidu aħna l-aċċess għat-territorju tal-UE, għall-integrazzjoni, għar-riunifikazzjoni tal-familja, għar-retenzjoni, għad-detenzjoni u għad-determinazzjoni tal-età. Hi kompliet tgħid li l-abbozz ta' rapport se jinkludi proposta għal strument leġiżlattiv speċifiku għat-tfal.

Il-Kummissjoni laqgħet ir-rapport futur ta' inizjattiva proprja tal-PE u fakkret kif tqajmet il-kwistjoni dwar il-minorenni mhux akkumpanjati fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni ppreżentat is-sejbiet prinċipali tar-reviżjoni ta' nofs it-term: a) it-tfal mhux akkumpanjati fit-territorju tal-UE mhumiex żvilupp temporanju, iżda karatteristika fit-tul, b) il-ħtieġa li l-kundizzjoni tat-tfal tingħata prijorità qabel kull ħaġa oħra, c) il-ħtieġa għal għlieda qawwija kontra t-traffikar, d) it-twaqqif ta' grupp ta' esperti dwar il-minorenni mhux akkumpanjati u e) għad hemm nuqqas ta' dejta preċiża.

Ir-rappreżentanti tal-UNICEF u tal-UNHCR (is-Sur Jarab) spjegaw li r-rapport huwa bbażat fuq Konferenza Ġudizzjarja organizzata dwar l-implimentazzjoni prattika tal-Arikolu 3 tal-UNHCR. Is-sejbiet mill-konferenza jsemmu 4 oqsma: a) valutazzjoni tal-età, b) soluzzjonijiet sostenibbli, c) aċċess għas-servizzi u għad-drittijiet soċjali bażiċi u d) garanziji proċedurali

Anna Maria Corazza Bildt laqgħet l-inizjattiva tar-rapport ta' inizjattiva proprja. Hi esprimiet il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-Leġiżlazzjoni adottata dwar l-Asil u talbet titjib fil-ġbir ta' dejta u laqgħet il-fatt li delegazzjoni tal-PE se żżur l-Isvezja f'April.

Birgit Sippel innotat li l-interess tat-tfal għandu jingħata prijorità u l-ħtieġa għal kompromess mill-partijiet kollha involuti.

Hélène Flautre laqgħet il-fehmiet tar-rapporteur. Hi enfasizzat il-ħtieġa għal strument speċifiku, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-istrumenti attwali m'għadhomx validi.

Andrew Henry William Brons esprima x-xettiċiżmu tiegħu dwar id-dibattitu u enfasizza li t-tfal jeħtieġ li jkollhom l-għeruk u l-aħjar interess għalihom huwa li jkunu mal-familji tagħhom.

Krisztina Morvai qablet li l-interess tat-tfal għandu dejjem jingħata prijorità iżda wriet tħassib dwar liema hu dan l-interess.

Edit Bauer talbet iktar kjarifika dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-età li fl-fehma tagħha xi kultant issegwi metodi ħżiena u dwar it-traffikar tal-minorenni, fi ħdan l-UE.

Anthea McIntyre semmiet li ntlaħaq kunsens tajjeb dwar il-kwistjoni iżda kompliet tgħid li xi kultant l-Istati Membri ma jirrispettawhx meta ma jwettqux dmirijiethom. Hi insistiet ukoll fuq il-ħtieġa li jsir titjib fl-informazzjoni.

Kyriacos Triantaphyllides esprima l-fehma tiegħu li jekk il-kundizzjoni tat-tfal tingħata prijorità, allura dawn m'għandhomx jitqiegħdu f'ċentri ta' detenzjoni, u lanqas m'għandhom jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Hu enfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess għad-drittijiet soċjali bażiċi.

Dibattitu konġunt

9. Il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u l-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali)

LIBE/7/08739

***I 2012/0011(COD) COM(2012)0011 – C7-0025/2012

Rapporteur: Jan Philipp Albrecht (Verts/ALE)

DT – PE497.803v02-00

DT – PE497.802v01-00

DT – PE491.322v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: ECON – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni

EMPL – Nadja Hirsch (ALDE)

ITRE – Seán Kelly (PPE)

IMCO – Lara Comi (PPE)

PA – PE496.497v01-00

JURI – Marielle Gallo (PPE)

PA – PE494.710v01-00

- Eżami tad-dokumenti ta' ħidma

kif ukoll

10. Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta (Direttiva)

LIBE/7/08742

***I 2012/0010(COD) COM(2012)0010 – C7-0024/2012

Rapporteur: Dimitrios Droutsas (S&D)

DT – PE497.804v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: JURI – Axel Voss (PPE)

- Eżami tad-dokumenti ta' ħidma

Ir-rapporteurs Jan Philipp Albrecht u Dimitrios Droutsas ippreżentaw it-tliet dokumenti ta' ħidma tagħhom (id-dokumenti ta' ħidma 2 u 3 dwar ir-regolament u d-dokument ta' ħidma dwar id-direttiva). Id-dokumenti ta' ħidma jenfazzjaw l-elementi ewlenin tal-proposti għall-kunsiderazzjoni u li se jiġu indirizzati fl-abbozzi ta' rapport (eż. bażi legali għall-ipproċessar, dimensjoni tas-suq intern, drittijiet tas-suġġetti tad-dejta, dimensjoni internazzjonali, setgħat ta' implimentazzjoni, privatezza prestabbilita, lakuni fid-Direttiva, nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva lill-korpi tal-UE, livell baxx ta' protezzjoni, mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tad-Direttiva).

Huma tennew il-ħtieġa li ssir enfasi fuq approċċ ta' pakkett li jimplika proċedura parallela u esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar il-pass bil-mod li miexi bih il-Kunsill fir-rigward tad-Direttiva u infurmaw b'Mistoqsija Orali lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-Plenarja li jmiss (19-22 ta' Novembru). Huma ddikjaraw li l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa li jirrikjedu skambji ta' dejta għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi (jiġifieri l-OIE) juru l-ħtieġa ta' adozzjoni parallela ta' dawn l-istrumenti u tad-direttiva tal-protezzjoni tad-dejta li se jiżguraw il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet fundamentali.

Is-Sa Le Bail (Direttur Ġenerali - DĠ Ġustizzja) tat informazzjoni dwar il-progress li sar s'issa fil-Kunsill. Hi indikat li l-għan huwa li jintlaħaq approċċ ġenerali fit-tmiem tal-Presidenza Irlandiża (Ġunju 2013) u esprimiet it-trasparenza u r-rieda tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet bħall-atti ddelegati u s-simplifikazzjoni tal-piż amministrattiv.

Is-Sur Andreou (Presidenza Ċiprijotta) ta informazzjoni dwar l-aħħar Kunsill tal-ĠAI tal-25/26 ta' Ottubru, iddedikat lir-regolament Kien hemm konverġenza kbira dwar is-simplifikazzjoni tal-atti ddelegati. Madankollu, xi Stati Membri esprimew il-preferenza tagħhom għal Direttiva minflok Regolament. Diskussjoni ġdida fid-DAPIX ġiet skedata bi tħejjija għall-COREPER u l-Kunsill ĠAI tas-6/7 ta' Diċembru 2012.

Is-Sur Caiola (Servizz Legali) ippreżenta l-opinjoni tas-Servizz Legali tad-19 ta' Ottubru 2012 bi tweġiba għall-ittra tal-LIBE tat-23 ta' Lulju 2012. Fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-liġi tal-UE u dik nazzjonali, is-Servizz Legali huwa tal-opinjoni li l-possibbiltà għal miżuri nazzjonali minn Regolament li jiżviluppa/jimplimenta s-suġġett tar-Regolament hija iktar limitata milli fil-każ ta' Direttiva. Fi kwalunkwe każ, il-miżuri nazzjonali ma jistgħux jidderogaw jew jikkontradixxu d-dispożizzjonijiet ta' Regolament. Madankollu, dawn jistgħu jikkopletaw iżda mhux jiddevjaw u għandhom ikunu konsistenti mal-iskop tal-att: il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-iżgurar ta' t moviment ħieles ta' dejta fis-suq intern.

Dwar atti delegati u ta' implimentazzjoni, is-Servizz Legali fakkar fil-prinċipji tat-Trattat. Għalkemm l-ebda att delegat/ta' implimentazzjoni propost ma jidher li jaffettwa l-elementi essenzjali tal-att bażiku, il-fatt huwa li xi dispożizzjonijiet tar-regolament huma abbozzati b'mod wiesa' ħafna u l-elementi essenzjali jistgħu jiġu affettwati minn atti delegati adottati fil-futuri.

Ingħataw il-kelma l-membri li ġejjin: Axel Voss dwar il-kooperazzjoni tajba u l-kwistjonijiet li jridu jiġu ċċarati u n-neċessità għal proċedura iktar rapida fil-Kunsill; Cornelia Ernst kkritikat lill-Kunsill dwar id-dinamika tiegħu u dwar l-idea li jgħaqqad is-soluzzjoni fuq dawn iż-żewġ dossiers ma' xi dossiers oħra pendenti (bħal l-UE PNR), u dwar differenzi inaċċettabbli bejn iż-żewġ strumenti; Anna Maria Corazza Bildt dwar il-kunsens tat-tfal fir-rigward ta' tfal 'il fuq minn 13-il sena; Sophia in 't Veld dwar in-neċessità li ssir konnessjoni bejn il-proċedura dwar iż-żewġ strumenti u li l-eżitu tal-proċedura jingħaqad ma' xi dossiers oħra relatati mal-protezzjoni tad-dejta, kif ukoll fuq iktar flessibbiltà fir-Regolament

- preżentazzjoni tal-abbozz ta' rapporti: laqgħa tal-LIBE 17/18 ta' Diċembru 2012

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-18:34 u tkompletat nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru 2012 fid-09:08, bi Juan Fernando López Aguilar (President) jippresiedi.

11. EASO - Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil

LIBE/7/10994

- Preżentazzjoni tar-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE u dwar l-attivitajiet tal-EASO mid-Direttur Eżekuttiv, Dr Robert K. Visser

Is-Sur Visser, Direttur Eżekuttiv tal-EASO enfasizza l-attivitajiet tal-EASO. Indika tliet linji ta' appoġġ: 1) appoġġ permanenti, 2) appoġġ speċjali, 3) appoġġ ta' emerġenza. L-appoġġ permanenti jinqasam f'żewġ pilastri: taħriġ ta' persuni fuq il-post, filwaqt li jiġu provduti sessjonijiet u moduli ta' taħriġ. It-tieni, EASO jipprovdi rapporti ta' Tagħrif dwar il-Pajjiżi ta' Oriġini (COI). Barra minn hekk, fir-rigward tal-

appoġġ speċjali u ta' emerġenza, is-Sur Visser ittratta t-twaqqif ta' tliet ċentri ta' servizz tal-asil fil-Greċja, il-provvedimet ta' taħriġ lill-awtoritajiet Griegi, il-ħruġ ta' manwali speċjali relatati ma' persuni vulnerabbli/minorenni mhux akkumpanjati u t-taħriġ ta' ħiliet speċifiċi fil-proċedura tal-asil.

Is-Sur Visser indika li s-sistema ta' twissija bikrija hija fil-fażi ta' preparazzjoni u hija essenzjali fl-iskop tal-bidliet barra mill-Unjoni u indika liema huma l-kapaċitajiet fl-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, is-Sur Visser innota li minħabba l-baġit, jista' jkun hemm attenzjoni limitata għad-dimensjoni esterna u għall-attivitajiet ta' risistemazzjoni. Wieħed mill-għanijiet tal-EASO huwa li jipprovdi informazzjoni bbażata fuq evidenza minn isfel għal fuq fil-proċess ta' politika.

Is-Sur Oel, Kummissjoni, DG Affarijiet Interni, esprima l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkoopera mal-EASO sabiex ċerti aspetti jiġu inklużi fir-rapport annwali li jmiss. Barra minn hekk, il-Kummissjoni enfasizzat li soluzzjoni operattiva ġiet appoġġjata mill-bord ta' amministrazzjoni tal-EASO sabiex tiġi stabbilita iktar koerenza bejn il-Kummissjoni u r-rapport annwali tal-EASO dwar l-asil.

Il-Kummissjoni enfasizzat ir-rwol ċentrali tal-EASO fl-implimentazzjoni koerenti tal-acquis dwar l-asil fl-Istati Membri.

Ingħataw il-kelma l-Membri li ġejjin:

Simon Busuttil enfasizza l-importanza tar-rilokazzjoni fl-UE. Hu ħeġġeġ lill-EASO biex jippromwovi, jiffaċilita u jikkoordina attivitajiet dwar rilokazzjoni fl-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-EASO.

Carmen Romero López indikat il-ħtieġa għal sistema ta' twissija bikrija u enfasizzat il-kundizzjonijiet ħżiena taċ-ċentri ta' detenzjoni lid-delegazzjoni riċenti ta' LIBE fil-Greċja.

Cecilia Wikström enfasizzat ukoll l-importanza ta' sistema ta' twissija bikrija. Hi semmiet li tali mekkaniżmu għandu jissorvelja l-Istati Membri kollha u mhux ikun konċentrat biss fuq il-pajjiżi tan-Nofsinhar.

Kyriacos Triantaphyllides esprima sodisfazzjon bil-ħidma tal-EASO. Hu qabel ma' Simon Busuttil dwar ir-rilokazzjoni u staqsa jekk il-Kummissjoni hijiex se tressaq proposta dwar ir-rilokazzjoni.

Andrew Henry William Brons talab għal xi statistika dwar l-applikazzjonijiet u ċaħdiet tal-asil u esprima t-tħassib tiegħu relatat ma' dawk li qed ifittxu asil li ġejjin mill-pajjiżi Għarab li għaddew għad-demokrazija.

Is-Sur Visser indika li r-rilokazzjoni hija importanti, iżda dan huwa suġġett ta' sensittività politika għolja. Huwa fidejn il-Kummissjoni li tieħu l-inizjattiva fuq dan is-suġġett u li tippreżenta proposta. Barra minn hekk, hu spjega li l-EASO jista' jappoġġja biss lill-Istati Membri fuq it-talba espliċita tagħhom. Is-Sur Visser qabel li s-sistema ta' twissija bikrija għandha tissorvelja l-Istati Membri kollha. Fl-aħħar nett, hu enfasizza li huwa essenzjali li l-persunal speċjalizzat ikun preparat biżżejjed sabiex

iwettaq l-attivitajiet kollha.

12. Smigħ dwar il-Libertà tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni fl-UE (rapporteur: Renate Weber, ALDE)

- ara l-minuti separati

13. Laqgħa tal-koordinaturi

Dan il-punt tal-aġenda ġie ttrattat in camera.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-12:46 u tkompletat fit-15:13, bi Juan Fernando López Aguilar (President) jippresiedi.

***** Votazzjoni elettronika *****

14. L-istatistika Ewropea fuq is-sikurezza mill-kriminalità

LIBE/7/06255

***I 2011/0146(COD) COM(2011)0335 – C7-0155/2011

Rapporteur: Timothy Kirkhope (ECR)

PR – PE494.797v02-00
AM – PE497.978v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: BUDG – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni

- Adozzjoni tal-abbozz ta' rapport

Ir-rapport ġie adottat bi 32 vot favur, vot wieħed kontra u 18-il astensjoni.

Ir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet adottata; għalhekk il-proposta tal-Kummissjoni ġiet miċħuda.

Emendi li waqgħu: 1,2,3

15. Il-Qafas Multiannwali għall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali għall-2012-2017

LIBE/7/08223

2011/0431(APP) 10449/2012 – C7-0169/2012

Rapporteur: Tatjana Ždanoka (Verts/ALE)

PR – PE494.554v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoniġiet: AFET – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni

BUDG – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni

FEMM – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni

- Adozzjoni tal-abbozz ta' rapport

Ir-rapport ġie adottat bi 43 vot favur, 11-il vot kontra u l-ebda astensjoni.

Kien possibli li jitressqu biss emendi proċedurali għal dan ir-rapport, iżda ma tressaq xejn.

16. Is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010 - 2011)

LIBE/7/05797

2011/2069(INI)

Rapporteur: Monika Flašíková Beňová (S&D)

PR – PE489.625v02-00

AM – PE492.760v02-00

AM – PE494.582v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoniġiet: FEMM – Lívia Járóka (PPE)

AD – PE467.074v02-00

AM – PE472.025v01-00

PETI – Adina-Ioana Vălean (ALDE)

AD – PE489.608v02-00

AM – PE492.847v02-00

- Adozzjoni tal-abbozz ta' rapport

Ir-rapport ġie adottat bi 32 vot favur, 24 vot kontra u astensjoni waħda.

Emendi adottati: 58, kompromess 1, 62, kompromess 1a, 63, 64, 65, 67, 69, 72, 68 parti 1, 68 ir-raba' parti, kompromess 2, kompromess 3, 76, 80, 81, 84, 85, 87, 90, 91, 93, 94, 95, 96, kompromess 4, 103, 105, kompromess 5, 115, kompromess 6, 122 parti 2, 123, 125, 128, 129, kompromess 7, kompromess 8, 133, 135, 137, 140, 141, 143, 144 l-ewwel parti, 151, 154, 153 it-tieni parti, 156, 157, 159, kompromess 9, kompromess 10, 177, 180, 186, 188, kompromess 11, kompromess 12, kompromess 13, 201, 202, kompromess 14, kompromess 15, 211, kompromess 16, 215, 217, 218, 221, 222, 223, 216, 224, 226, kompromess 17, 228, 230, 231, 232, 233, 234, 235, kompromess 18, 244, 246, 247, 249, 250, 251, 252, 253, 254, 255, 257, 270, 275 l-ewwel parti, 275 it-tielet parti, 277, 278, kompromess 19, 279 it-tieni parti, 280, 282, 283, 284, 285, 286, 289, 293, 294, 296, 297, 298, kompromess 20, 303, 295, 304, 305, 306, 307, 309, 310, 311, 313, 314, 315, 316, 317, kompromess 21, 326, kompromess 22, 331, 333, 334, kompromess 23, 337, 338, 339, 340, 341, 343, 344, 347, 350, 351, 352, 354, 355, 356, 357, 358, 359, 360, 361, 362, 366, 367, 368, 371, 372, 374, 375, 377, 378, 379, 380, kompromess 24, 386, 388, 390, 391, 393, 395, 396, 397, 398, 402, 403, 404, 405, 406, 407, 412, 413, 414, 415, 416, 417 l-ewwel parti, 418, 420, 423, 425, 427, kompromess 25, 429, 430, 432, 433, 437, 439, 441, 442, 443, 444, 445, 446, 447, 448, 449, 450, 451 l-ewwel parti, it-tielet parti, 452, 454, 455, 458, kompromess 26, kompromess 27, kompromess 28, 8, 16, 19, 20, 21, kompromess 29, 26, 28, 29, kompromess 30, 33, kompromess 31, 41, 40, 42, 44, 45, 49, 50, 51 l-ewwel parti, 54,

Emendi miċhuda: 61, 66, 68 it-tieni parti, 73, 77, 82, 86, 88, 89, 92, 106 l-ewwel parti, 110, 111, 112, 113, 119, 120, 121, 122 l-ewwel parti, 124, 126, 134, 139, 144 it-tieni parti, 145, 146, 147, 150, 152, 153 l-ewwel parti, 155, 158, 178, 179, 182, 184, 185, 190, 191, 192, 195 it-tieni parti, 198, 220, 227, 236, 237, 238, 239, 245, 248, 252 part 2, 259, 260, 261, 262, 263, 264, 265, 266, 267, 268, 272, 273, 274, 275 it-tieni parti, 290, 291, 292, 299, 318, 319, 320, 329, 332, 342, 345 part 1, 346, 348, 349, 363, 364, 365, 369, 370, 373, 381, 382, 387, 389, 392, 399, 408, 409, 410, 411, 417 it-tieni parti, 419, 421, 422, 424, 426, 136 it-tieni parti, 431, 434, 435, 436, 438, 451 it-tieni parti, 453 l-ewwel parti, 453 it-tielet parti, 456, 457, 459, 3, 4, 5, 7, 10, 12, 13, 14, 15, 17, 18, 23, 30, 37, 43, 46, 47, 48, 51 it-tieni parti, 52, 53, 55, 56, 57

Emendi ritirati: 114, 127, 149, 269, 364, 400, 401, 440,

Emendi li waqghu: 59, 60, 68 it-tielet parti, 70, 71, 75, 78, 74, 79, 85, 87, 97, 98, 99, 100, 101, 102, 104, 106 it-tieni parti, 107, 109, 108, 116, 117, 118, 131, 132, 130, 138, 142, 148, 162, 163, 160, 161, 164, 165, 166, 167, 168, 169, 170, 171, 172, 174, 175, 173, 176, 193, 194, 195 l-ewwel parti, 187, 196, 197, 209, 210, 183, 189, 199, 200, 203, 204, 205, 206, 207, 208, 212, 213, 214, 219, 225, 229, 240, 241, 242, 243, 256, 258, 271, 279 l-ewwel parti, 281, 287, 288, 300, 301, 302, 312, 321, 322, 323, 324, 325, 327, 328, 330, 335, 336, 345 part 2, 353, 383, 384, 385, 136 l-ewwel parti, 428, 453 it-tieni parti, 454, 1, 11, 2, 9, 6, 22, 24, 25, 27, 31, 32, 34, 35, 39, 36, 24, 25, 27, 31, 32, 34, 35, 36,

Votazzjoni "in block" dwar l-opinjoni mill-kumitat FEMM - riżultat: irrifjutata

Votazzjoni "in block" dwar l-opinjoni mill-kumitat PETI - riżultat: miċħuda

16b. Votazzjoni dwar ittra ta' opinjoni mill-President tal-Kumitat ECON: Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu COM(2012)511 - 2012/0242 (CNS)

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien ta' 42 vot favur, vot wieħed kontra u 3 astensjonijiet.

*****Għeluq tal-votazzjoni elettronika*****

17. Il-Fond għas-Sigurtà Interna - Il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet

LIBE/7/07985

***I 2011/0368(COD) COM(2011)0753 – C7-0445/2011

Rapporteur: Salvatore Iacolino (PPE)

PR – PE491.240v01-00
AM – PE494.833v03-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: BUDG – Dominique Riquet (PPE)

AD – PE492.554v02-00
AM – PE494.564v01-00

- Eżami tal-emendi

Wara li ġew infurmati l-Membri tal-kumitat LIBE li għadd ta' emendi ta' kompromess qegħdin jiġu ppreparati bħalissa, ir-rapporteur, Salvatore Iacolino, identifika l-kwistjonijiet attwali li ġejjin: id-definizzjoni ta' kriminalità organizzata u infrastruttura kritika; id-deskrizzjoni ta' indikaturi u l-identifikazzjoni tal-kriterja għall-allokazzjoni tal-fondi lill-Istati Membri. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-aħħar, hu fakkar fl-emenda tiegħu li timmira li jiġi allokat 5 % tal-fondi bi proporzjon mal-limitu tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

Judith Sargentini qajmet għadd ta' kwistjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet fundamentali tal-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati mill-Fond għas-Sigurtà Interna, kif issuġġerit minn xi emendi mill-grupp tal-Ħodor. Dwar din il-kwistjoni speċifika, ir-rapporteur esprima n-nuqqas ta' qbil tiegħu peress li r-rekwiżit tat-tali valutazzjoni ta' impatt se tilħaq proċedura ineffiċjenti. Hu kompla jiċċara li skont ir-Regolament ġenerali applikabbli għall-Fondi tal-Affarijiet Interni, l-azzjonijiet iffinanzjati kollha għandhom ikunu konformi mal-liġi attwali tal-UE.

Il-Kummissjoni għamlet xi rimarki ġenerali dwar l-emendi mressqa, b'mod partikolari, fir-rigward tal-valutazzjoni ta' impatt propost għad-drittijiet fundamentali tal-azzjonijiet iffinanzjati. Irrappurtat ukoll li saru workshops speċifiċi bejn il-Kummissjoni, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew bil-għan li jitfasslu indikaturi objettivi u miżurabbli. Fl-aħħar nett, esprimiet ċertu tħassib dwar l-emendi u ssuġġeriet li jitħassru sħubijiet pubbliċi-privati bħala mezz li jiġu żgurati s-sigurtà interna kif ukoll id-dimensjoni esterna tal-azzjonijiet li jaqgħu fl-iskop tal-Fond għas-Sigurtà Interna - Kooperazzjoni tal-Pulizija.

Il-Presidenza tal-Kunsill iċċara l-kalendarju tiegħu billi esprima l-intenzjoni tiegħu li jagħti dan id-dossier lill-Coreper fil-15 ta' Novembru bil-għan li jirċievi mandat sabiex jinnegozja mal-Parlament u mal-Kummissjoni.

- Votazzjoni ta' orjentament tal-LIBE: 27 ta' Novembru 2012

18. Il-Fond għas-Sigurtà Interna - Fruntieri esterni u viżi

LIBE/7/07972

***I 2011/0365(COD) COM(2011)0750 – C7-0441/2011

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu (PPE)	PR – PE489.446v02-00 AM – PE496.290v01-00
Responsabbli LIBE –	
:	
Opinjoni: AFET – H�el�ene Flautre (Verts/ALE)	AD – PE489.432v02-00 AM – PE491.259v01-00
DEVE – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni	
BUDG – Monika Hohlmeier (PPE)	AD – PE492.555v02-00 AM – PE494.565v01-00
EMPL – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni	

- Eżami tal-emendi

Ir-rapporteur Marian-Jean Marinescu enfasizza li l-għan ewlieni tiegħu f'din il-proposta

kien li l-livell ta' sigurtà fl-UE jkun armonizzat. Hu nnota li kien hemm ħafna emendi fuq id-drittijiet fundamentali u dejta personali u indika li se jipproponi emenda ta' kompromess fl-ambitu ta' din il-kwistjoni.

Is-Sa Pyke (Direttur, DG Affarijiet Interni) enfasizzat l-oppożizzjoni tal-Kummissjoni għal xi emendi, partikolarment dawk li jħassru l-assistenza ta' emerġenza, il-pakkett tal-fruntieri intelliġenti u d-dimensjoni esterna, dawk bl-iskop li jżidu l-kwistjonijiet dwar l-asil u dawk li jżidu r-rwol tal-Frontex. Il-Presidenza Ċiprijotta indikat li d-dossier se jmur għand il-Coreper fil-15 ta' Novembru sabiex jingħata l-mandat ta' nnegozzjar.

Hélène Flautre ppreżentat l-opinjoni tal-kumitat AFET li għalih kienet ir-rapporteur u enfasizzat li kien neċessarju li jiġu inklużi kwistjonijiet dwar l-asil fl-ambitu ta' dan il-Fond, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawk li qed ifittxu l-asil fil-fruntieri esterni.

Franziska Keller enfasizzat li l-Fond ma kienx biss dwar fruntieri ta' sigurtà, iżda wkoll jiffaċilita l-mobbiltà u fejn meħtieġ l-aspetti tad-drittijiet fundamentali għandhom jiġu nklużi. Hi enfasizzat ukoll li kien ta' periklu li jiġu inklużi f'din il-proposta politiki li ma kienx hemm qbil fuqhom jew li għadhom ma ġewx proposti, partikolarment il-pakkett tal-fruntieri intelliġenti.

Is-Sa Guillaume (S&D) ikkunsidrat li mhuwiex kontradittorju mal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil li jiġu inklużi kwistjonijiet dwar l-asil f'dan il-Fond.

- Votazzjoni ta' orjentazzjoni ppjanata għal-laqgħa tal-LIBE: 27 ta' Novembru 2012

19. Programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles 2020')

LIBE/7/08298

***I 2011/0449(COD) COM(2011)0913 – C7-0510/2011

Rapporteur: Anthea McIntyre (ECR)

PR – PE491.149v01-00
AM – PE494.709v01-00

Responsabbli LIBE –

:

Opinjoni: BUDG – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni
ECON – Deċiżjoni: l-ebda opinjoni

- Eżami tal-emendi

Ir-rapporteur Anthea McIntyre ppreżentat l-abbozz ta' rapport u l-emendi differenti li waslu. Imbagħad hi ffokat fuq żewġ kwistjonijiet kontroversjali oħra: l-inserzjoni proposta għal regola speċifika dwar l-atti delegati fir-regolament, ikkontestata minn Shadow, u r-rati ta' kofinanzjament tal-ispejjeż eliġibbli.

Is-Sur Khouw (Kummissjoni/OLAF) ikkummenta fil-qosor dwar l-emendi proposti.

Agustín Díaz de Mera García Consuegra esprima l-opinjoni tiegħu li f'dan id-dossier speċifiku, l-inserzjoni ta' regola għal atti ddelegati dwar programmi ta' ħidma annwali mhijiex ġustifikata sabiex tinżamm l-effikaċja tal-programm. Imbagħad ir-rapporteur talab lill-President jagħti l-fehma tiegħu dwar dan l-aspett speċifiku.

Juan Fernando López Aguilar issuġġerixxa li l-kwistjoni tista' tiġi eżaminata iktar fid-dettall b'mod bilaterali, biex tiġi eżaminata s-sitwazzjoni reali u tiġi ċċarata din il-kwistjoni.

Skeda:

- Votazzjoni ta' orjentament tal-LIBE: 27 ta' Novembru 2012.

20. CEPOL - Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija

LIBE/7/10990

Preżentazzjoni minn Dr Ferenc Banfi, Direttur ta' CEPOL u skambju ta' fehmiet mas-Sur Reinhard Priebe, Direttur għas-Sigurtà Interna, DĠ Affarijiet Interni

Is-Sur Banfi, Direttur tas-CEPOL, ta preżentazzjoni li tkopri kwistjonijiet ta' ġestjoni minn naħa u l-ħidma tas-CEPOL min-naħa l-oħra. Fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' ġestjoni, is-Sur Banfi informa lill-kumitat li l-lakuni amministrattivi ġew indirizzati kollha. Għall-ħidma ewlenija tas-CEPOL, hu rrapporta progress kemm fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità. L-għadd ta' parteċipanti fit-taħriġ provdut żdied u se jkun qrib il-5000 din is-sena. Fl-istess waqt il-partiċipanti taw rispons tajjeb ħafna għall-programmi. Hu enfażizza l-importanza partikolari għat-taħriġ offrut.

Is-Sur Priebe, (Kummissjoni - Direttur DĠ Affarijiet Interni), ikkondivida xi riflessjonijiet mal-kumitat fir-rigward tal-proposta mħabbra mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-deċiżjoni attwali tas-CEPOL biex tkun kompatibbli mat-Trattat ta' Lisbona. Hu nnota li hemm riflessjoni fil-Kummissjoni jekk tagħmilx sens li s-CEPOL u l-EUROPOL jingħaqdu. Hu nnota l-approċċ komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-governanza tal-aġenziji u kkunsidra li għall-aġenziji żgħar b'mod partikolari, dan l-approċċ komuni jitlob riflessjoni dwar meta l-bażi legali tagħhom se tiġi riveduta.

Il-Membri ferħu lid-Direttur dwar il-proġess ta' ġestjoni miksub fis-snin riċenti. Diversi Membri kkritikaw ħafna l-idea li s-CEPOL u l-EUROPOL jingħaqdu u nnota l-importanza tat-taħriġ offrut mill-aġenzija. Kien hemm ukoll għadd ta' mistoqsijiet relatati mal-korsijiet ta' taħriġ u l-kontenut tagħhom, ngħidu aħna fir-rigward tat-traffikar u l-vittmi ta' reati.

21. Kwistjonijiet oħra

Xejn ma ġie diskuss taħt dan il-punt tal-aġenda.

22. Data u post tal-laqgħa li jmiss

26-27 ta' Novembru 2012, (Brussell)

Il-laqgħa spiċċat fis-18:34.

**ПРИСЪСТВЕН ЛИСТ/LISTA DE ASISTENCIA/PREZENČNÍ LISTINA/DELTAGERLISTE/
ANWESENHEITSLISTE/KOHALOLIJATE NIMEKIRI/KATAΣΤΑΣΗ ΠΑΡΟΝΤΩΝ/RECORD OF ATTENDANCE/
LISTE DE PRÉSENCE/ELENCO DI PRESENZA/APMEKLĒJUMU REĢISTRŠ/DALYVIŲ SAŪAŠAS/JELENLÉTI ÍV/
REĠISTRU TA' ATTENDENZA/PRESENTIELIJST/LISTA OBECNOŠCI/LISTA DE PRESENÇAS/LISTÁ DE PREZENTÁ/
PREZENČNÁ LISTINA/SEZNAM NAVZOČIH/LÄSNÄOLOLISTA/DELTAGARLISTA**

Бюро/Mesa/Předsednictvo/Formandskabet/Vorstand/Juhatus/Προεδρείο/Bureau/Ufficio di presidenza/Prezidijs/Biuras/Elnökség/ Prezydium/Birou/Predsednictvo/Predsedstvo/Puheenjohtajisto/Presidiet (*)
Juan Fernando López Aguilar (P) (2), Kinga Gál (P)(2), Sophia in 't Veld (1,2), Salvatore Iacolino (VP) (2), Kinga Göncz (VP) (1,2)
Членове/Diputados/Poslanci/Medlemmer/Mitglieder/Parlamendiliikmed/Μέλη/Members/Députés/Deputati/Deputāti/Nariai/Képviselők/ Membri/Leden/Poslowie/Deputados/Deputați/Jäsenet/Ledamöter
Jan Philipp Albrecht (1,2), Roberta Angelilli (2), Edit Bauer (1,2), Rita Borsellino (2), Emine Bozkurt (2), Arkadiusz Tomasz Bratkowski (2), Simon Busuttil (1,2), Wim van de Camp (2), Philip Claeys (1,2), Carlos Coelho (1,2), Agustín Díaz de Mera García Consuegra (2), Ioan Enciu (1,2), Frank Engel (2), Cornelia Ernst (1,2), Tanja Fajon (2), Monika Flašíková Beňová (2), Héléne Flautre (1,2), Nathalie Griesbeck (1,2), Sylvie Guillaume (2), Ágnes Hankiss (2), Anna Hedh (2), Teresa Jiménez-Becerril Barrio (2), Timothy Kirkhope (2), Sarah Ludford (2), Anthea McIntyre (1,2), Monica Luisa Macovei (2), Svetoslav Hristov Malinov (2), Véronique Mathieu (1,2), Nuno Melo (1,2), Louis Michel (2), Claude Moraes (2), Antigoni Papadopoulou (2), Georgios Papanikolaou (2), Jacek Protasiewicz (2), Carmen Romero López (2), Judith Sargentini (2), Birgit Sippel (1,2), Csaba Sógor (2), Renate Sommer (2), Nils Torvalds (1,2), Kyriacos Triantaphyllides (1,2), Axel Voss (1,2), Renate Weber (1,2), Josef Weidenholzer (2), Cecilia Wikström (2), Tatjana Ždanoka (2), Auke Zijlstra (1,2)
Заместници/Suplentes/Náhradníci/Stedfortrædere/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Substitutes/Suppléants/Supplenti/ Aizstājēji/Pavaduojantys nariai/Póttagok/Sostituti/Plaatsvervangers/Zastępcy/Membros suplentes/Supleanți/Náhradníci/Namestniki/ Varajäsenet/Suppleanter
Alexander Alvaro (2), Elena Oana Antonescu (2), Andrew Henry William Brons (1,2), Michael Cashman (2), Anna Maria Corazza Bildt (1), Dimitrios Droutsas (1,2), Stanimir Ilchev (2), Jean Lambert (1,2), Petru Constantin Luhan (2), Ulrike Lunacek (2), Marian-Jean Marinescu (2), Antonio Masip Hidalgo (2), Krisztina Morvai (1,2), Jan Mulder (1), Kārlis Šadurskis (2), Salvador Sedó i Alabart (2), Manfred Weber (2)

187 (2)
Martina Anderson, Birgit Schnieber-Jastram
193 (3)
49 (6) (Точка от дневния ред/Punto del orden del día/Bod pořadu jednání (OJ)/Punkt på dagsordenen/Tagesordnungspunkt/Päevakorra punkt/Ημερήσια Διάταξη Σημείο/Agenda item/Point OJ/Punto all'ordine del giorno/Darba kārtības punkts/Darbotvarkēs punktas/ Napirendi pont/Punt fuq l-aġenda/Agendapunt/Punkt porządku dziennego/Ponto OD/Punct de pe ordinea de zi/Bod programu schôdze/ Točka UL/Esityslistan kohta/Föredragningslista punkt)

Наблюдатели/Observadores/Pozorovatelé/Observatører/Beobachter/Vaatlejad/Παρατηρητές/Observers/Observateurs/Osservatori/ Novērotāji/Stebėtojai/Megfigyelők/Osservatori/Waarnemers/Observatorzy/Observadores/Observatori/Pozorovatelia/Opazovalci/ Tarkkailijat/Observatörer
Ingrid Antičević Marinović (1,2), Tanja Vrbat (1), Frano Matušić (1)

Присъствал на/Presente el/Přítomný dne/Til stede den/Anwesend am/Viibis(id) kohal/Παρόν στις/Present on/Présent le/Presente il/Piedalījās/
Dalyvauja/Jelen volt/Preżenti fi/Aanwezig op/Obecny dnia/Presente em/Preżent/Přítomný dňa/Navzoči dne/Läsna/Närvarande den:

- (1) 5.11.2012
(2) 6.11.2012

<p>По покана на председателя/Por invitación del presidente/Na pozvání předsedy/Efter indbydelse fra formanden/Auf Einladung des Vorsitzenden/Esimehe kutsel/Με πρόσκληση του Προέδρου/At the invitation of the Chair(wo)man/Sur l'invitation du président/Su invito del presidente/Pëc priekšsēdētāja uzaicinājuma/Pirmininkui pakvietus/Az elnök meghívására/Fuq stedina tal-President/Op uitnodiging van de voorzitter/Na zaproszenie Przewodniczącego/A convite do Presidente/La invitația președintelui/Na pozwanie predsedu/Na povabilo predsednika/Puheenjohtajan kutsusta/På ordförandens inbjudan</p>

<p>Съвет/Consejo/Rada/Rådet/Rat/Nõukogu/Συμβούλιο/Council/Conseil/Consiglio/Padome/Taryba/Tanács/Kunsill/Raad/Conselho/Consiliu/Svet/Neuvosto/Rådet (*)</p>	
<p>Linda Ciuche, Kunath, Stantchen, Fadier (RP FR), Csaba Abel (RP HU), Marica Cicconi (RP IT) Presidency: Arguropoulou</p>	
<p>Комисия/Comisión/Komise/Kommissionen/Kommission/Euroopa Komisjon/Επιτροπή/Commission/Commissione/Komisija/Bizottság/Kummissjoni/Commissie/Komisja/Comissão/Comisie/Komisia/Komissio/Kommissionen (*)</p>	
<p>Monica Aubel, Magdalena Ciesielska, Agnieszka Cotha, Johanna Deka, Marie-Thérèse Gold, Johannes Kunath, Le Bail, Carolyn Leffler-Roth, Josten Lucas, Priebe, Savary, Diane Schmitt, Eva Schultz, Soares, S Tulun, Suzanne Vanderzande</p>	
<p>Други институции/Otras instituciones/Ostatní orgány a instituce/Andre institutioner/Andere Organe/Muud institutsioonid/Άλλα θεσμικά όργανα/Other institutions/Autres institutions/Altre istituzioni/Ċitas iestādes/Kitos institucijos/Más intézmények/Istituzjonijiet oħra/Andere instellingen/Inne instytucje/Outras Instituições/Alte instituții/Iné inštitúcie/Druge institucije/Muut toimielimet/Andra institutioner/organ</p>	
<p>EASO CEPOL UNHCR UNICEF</p>	<p>K Visser Banfi Jarab Coki</p>

<p>Други учасници/Otros participantes/Ostatní účastníci/Endvidere deltog/Andere Teilnehmer/Muud osalejad/Επίσης Παρόντες/Other participants/Autres participants/Altri parteċipanti/Citi klātesošie/Kiti dalyviai/Más résztvevők/Parteċipanti oħra/Andere aanwezigen/Inni uczestnicy/Outros participantes/Alți participanți/Iní účastníci/Drugi udeleženci/Muut osallistujat/Övriga deltagare</p>	
<p>Carolin Wehrhahn (ENPA), Francine Cunningham (ENPA)</p>	
<p>Секретариат на политическите групи/Secretaría de los Grupos políticos/Sekretariát politických skupin/Gruppernes sekretariat/Sekretariat der Fraktionen/Fraktioonide sekretariaat/Γραμματεία των Πολιτικών Ομάδων/Sekretariats of political groups/Secrétariat des groupes politiques/Segreteria gruppi politici/Politisko grupu sekretariāts/Frakciju sekretoriai/Képviseletcsoportok titkársága/Sekretarjat gruppi politici/Fractiesecretariaten/Sekretariat Grup Politycznych/Secr. dos grupos políticos/Sekretariate grupuri politice/Sekretariát politických skupín/Sekretariat političnih skupin/Poliittisten ryhmien sihteeristö/Gruppernas sekretariat</p>	
<p>PPE S&D ALDE ECR Verts/ALE GUE/NGL EFD NI</p>	<p>Laer, Petersons, Petrucci, Speiser Asteriadi, , Murphy, Sisätto Glatigny, Marzocchi Healy, Wild Sidenius, Tsaklanganos, Van Ballegooij Tamburini Mazzotti</p>

Кабинет на председателя/Gabinete del Presidente/Kancelář předsedy/Formandens Kabinet/Kabinett des Präsidenten/Presidendi kantselei/Γραφείο Προέδρου/President's Office/Cabinet du Président/Gabinetto del Presidente/Priekšsēdētāja kabinets/Pirmininko kabinetas/Elnöki hivatal/Kabinett tal-President/Kabinet van de Voorzitter/Gabinet Przewodniczącego/Gabinete do Presidente/Cabinet Preşedinte/Kancelária predsedu/Urad predsednika/Puhemiehen kabinetti/Talmannens kansli	
Thilo Hitz	
Кабинет на генералния секретар/Gabinete del Secretario General/Kancelář generálního tajemníka/Generalsekretærens Kabinet/Kabinett des Generalsekretærs/Peasekretäri büroo/Γραφείο Γενικού Γραμματέα/Secretary-General's Office/Cabinet du Secrétaire général/Gabinetto del Secretario generale/Generalsekretära kabinet/Generalinio sekretoriaus kabinetas/Főtitkári hivatal/Kabinett tas-Segretarju Ġenerali/Kabinet van de secretaris-generaal/Gabinet Sekretarza Generalnego/Gabinete do Secretário-Geral/Cabinet Secretar General/Kancelária generálneho tajomníka/Urad generalnega sekretarja/Pääsihteerin kabinetti/Generalsekreterarens kansli	
Генерална дирекция/Dirección General/Generální ředitelství/Generaldirektorat/Generaldirektion/Peadirektoraat/Γενική Διεύθυνση/Directorate-General/Direction générale/Direzione generale/Generaldirektoräts/Generalinis direktoratas/Főigazgatóság/Direktorat Ġenerali/Direktoraten-generaal/Dyrekcja Generalna/Direcção-Geral/Direcții Generale/Generálne riaditeľstvo/Generalni direktorat/Pääosasto/Generaldirektorat	
DG PRES DG IPOL DG EXPO DG COMM DG PERS DG INLO DG TRAD DG INTE DG FINS DG ITEC	Jidelbo Hartmann
Правна служба/Servicio Jurídico/Právní služba/Juridisk Tjeneste/Juristischer Dienst/Öigusteenistus/Νομική Υπηρεσία/Legal Service/Service juridique/Servizio giuridico/Juridiskais dienests/Teisės tarnyba/Jogi szolgálat/Servizz legali/Juridische Dienst/Wydział prawny/Serviço Jurídico/Serviciu Juridic/Právny servis/Pravna služba/Oikeudellinen yksikkö/Rättstjänsten	
Caiola	
Секретариат на комисията/Secretaría de la comisión/Sekretariát výboru/Udvalgssekretariatet/Ausschusssekretariat/Komisjoni sekretariaat/Γραμματεία επιτροπής/Committee secretariat/Secrétariat de la commission/Segreteria della commissione/Komitejas sekretariāts/Komiteo sekretoriatas/A bizottság titkársága/Sekretarjat tal-kumitat/Commissiesecretariaat/Sekretariat komisji/Sekretariado da comissão/Sekretariat comisie/Sekretariat odbora/Valiokunnan sihteeristö/Utskottssekretariatet	
Cahen, Calers, Chico-Zamanillo, Ciuche, De Frutos-Gomez, Erbeznic, Gandolfo, Rueda-Bueso, Van de Peer	
Сътрудник/Asistente/Asistent/Assistent/Assistenz/Βοηθός/Assistant/Assistente/Palīgs/Padējējas/Assisztens/Asyistent/Pomočník/Avustaja/Assistenten	
Götz, Lehmann	

- * (P) = Председател/Presidente/Předseda/Formand/Vorsitzender/Esimees/Πρόεδρος/Chair(wo)man/Président/Priekšsēdētājs/Pirmininkas/Elnök/President/Voorzitter/Przewodniczący/Preşedinte/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande
- (VP) = Заместник-председател/Vicepresidente/Mistopředseda/Næstformand/Stellvertretender Vorsitzender/Aseesimees/Αντιπρόεδρος/Vice-Chair(wo)man/Vice-Président/Priekšsēdētāja vietnieks/Pirmininko pavaduotojas/Alelnök/Viçi President/Ondervoorzitter/Wiceprzewodniczący/Vice-Présidente/Vicepreşedinte/Podpredseda/Podpredsednik/Varapuheenjohtaja/Vice ordförande
- (M) = Член/Miembro/Člen/Medlem/Mitglied/Parlamendiliige/Μέλος/Member/Membre/Membro/Deputāts/Narys/Képviselő/Membru/Lid/Członek/Membro/Membru/Člen/Poslanec/Jäsen/Ledamot
- (F) = Длъжностно лице/Funcionario/Úředník/Tjenestemand/Beamter/Ametnik/Υπάλληλος/Official/Fonctionnaire/Funzionario/Ierēdnis/Pareigūnas/Tisztviselő/Ufficial/Ambtenaar/Urządник/Funcionário/Funcionar/Úradník/Uradnik/Virkamies/Tjänsteman